A.L. 75 ta' l-2003

ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA (KAP. 204)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Penalitajiet għal Reati u Ksur ta' Regolamenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 52A ta' l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Penalitajiet għal Reati u Ksur ta' Regolamenti). Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra – Tifsir

"Att" tfisser l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; Kap. 204.

"Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji" tfisser it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji mwaqqaf taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji; Kap. 330.

u l-kliem u l-frażijiet użati wkoll fl-Att għandu jkollhom l-istess tifsir bħalma għandhom fl-Att.

3. Meta persuna tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' l-Att skond ma tidher fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti korrispondenti għall-att jew ommissjoni deskritti fit-tieni kolonna ta' l-istess Skeda, il-Bank jista' jimponi bħala penalità amministrattiva l-ammont korrispondenti li jidher fit-tielet kolonna ta' dik l-Iskeda. Penalitajiet.

4. Skond l-artikolu 52A(3)(a)(i) ta' l-Att, il-Bank jista' jimponi penalità amministrattiva li tikkonsisti f'pagament li jasal sa ħames punti perċentwali fuq ir-rata ta' self tal-Bank li tiġi mposta fi transazzjonijiet magħmula taħt l-artikolu 15(1)(e) ta' l-Att, u applikata għall-ammont ta' depożitu ta' riserva li l-istituzzjoni ta' kreditu rilevanti tonqos milli tipprovdi skond direttivi maħruġa taħt l-artikolu 37(1) ta' l-Att. Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti minimi ta' riserva.

SKEDA

(Regolament 3)

Penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu imposti mill-Bank Ċentrali mingħajr il-ħtieġa ta' proċeduri fil-qorti

L-Ewwel Kolonna **Disposizzjoni**	It-Tieni Kolonna **Att jew Ommissjoni**	It-Tielet Kolonna **Penalitajiet**
52A(2)(a) b' riferenza għal 24A(1)(2)	Nuqqas li l-Bank jiġi provdut bl-informazzjoni meħtieġa, jew li tiġi provduta l-informazzjoni fiż-żmien stipulat, jew li tiġi provduta informazzjoni korretta jew kompluta	LM200 kuljum sa massimu ta' Lm5,000 għal nuqqas li tipprovdi informazzjoni jew li tipprovdiha fiż-żmien stipulat; Minn Lm300 sa massimu ta' Lm5,000 jekk tipprovdi informazzjoni mhux korretta jew mhux kompluta
52A(2)(a) b'riferenza għal 24B(1)	Nuqqas li jkunu sodisfatti rekwiżiti ta' ġbir ta' statistika li jkunu jinsabu f' xi direttiva maħruġa mill-Bank	Minn Lm500 sa massimu ta' Lm5,000
52A(2)(a) b' riferenza għal 24B(2)	Ostakoli lill-Bank milli jeżerċita d-dritt li jivverifika l-preċiżjoni u l-kwalità ta' l-informazzjoni	Minn Lm2,000 sa massimu ta' Lm5,000 għal kull ostakolu
52A(2)(a) b'riferenza għal 24B(2)	Ostakoli lill-Bank milli jwettaq il-ġbir obbligatorju ta' informazzjoni	Minn Lm2,000 sa massimu ta' Lm5,000 għal kull ostakolu
52A(2)(b) b'riferenza għal 36(5)	Ksur jew nuqqas li jitħares xi rekwiżit li jinsab f'xi direttiva maħruġa mill-Bank	Minn Lm500 sa massimu ta' Lm5,000

L-Ewwel Kolonna Disposizzjoni	It-Tieni Kolonna Att jew Ommissjoni	It-Tielet Kolonna Penalitajiet
52A(3)(a)(ii) b' riferenza għal 49A	Nuqqas minn xi istituzzjoni ta' kreditu u, jew istituzzjoni finanzjarja li tirtiraw miċ-ċirkolazzjoni l-biljetti u l-muniti ta' flus li jaħsbu li huma foloz	Minn Lm3,000 sa massimu ta' Lm5,000
52A(3)(a)(ii) b' riferenza għal 49A	Nuqqas minn xi istituzzjoni ta' kreditu , jew finanzjarja li tikkonsenja lill-Bank l-biljetti u muniti ta' flus foloz irtirati miċ-ċirkolazzjoni	Lm100 għal kull jum li matulu jitkompla n-nuqqas, sa massimu ta' Lm5,000
52A(3)(b) b' riferenza għal 45 sa 49	Korp ġuridiku li jikseb benefiċċju mill-għemil ta' reati msemmija fl-artikoli 45 sa 49 minn persuna li jkollha kariga għolja f' korp ġuridiku	Lm5,000
52A(3)(b) b' riferenza għal 45 sa 49	Korp ġuridiku li jikseb benefiċċju mill-azzjonijiet ta' persuna, li jkollha kariġa għolja fil-korp ġuridiku, li jassisti jew ikun kompliċi fl-għemil ta' reati taħt l-artikoli 45 sa 49	Minn Lm3,000 sa massimu ta' Lm5,000
52A(3)(c) b' riferenza għal 45 sa 49	Nuqqas mill-korp ġuridiku li jeżerċita superviżjoni jew kontroll fuq persuna li jkollha kariga għolja fil-korp ġuridiku, li tagħmel, jew tassisti jew tkun kompliċi f' reati taħt l-artikoli 45 sa 49	Minn Lm3,000 sa massimu ta' Lm5,000